



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9707/19

TOUR 10
IND 186
COMPET 434

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Mejju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	9264/19 TOUR 9 IND 174 COMPET 399 Il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu bħala promotur tat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-UE għall-għaxar snin li ġejjin - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fis-27 ta' Mejju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu bħala promotur tat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-UE għall-għaxar snin li ġejjin, adottati mill-Kunsill fit-3694 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Mejju 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR TAT-TURIŻMU BĦALA PROMOTUR TAT-TKABBIR SOSTENIBBLI, L-IMPJEGI U L-KOEŻJONI SOĊJALI FL-UE GĦALL-GĦAXAR SNIN LI ĠEJJIN

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" ta' Ġunju 2010¹ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2010 dwar din il-komunikazzjoni²;
- fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Strateġija Ewropea għal aktar Tkabbir Ekonomiku u Impjegi fit-Turiżmu Marittimu u Kostali" ta' Frar 2014³ u l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' Ottubru 2014⁴;
- fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali" ta' Lulju 2014⁵ u l-Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali ta' Diċembru 2018⁶;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2014 dwar it-"Tisħiħ tat-turiżmu permezz tal-promozzjoni tal-wirt kulturali, naturali u marittimu tal-Ewropa"⁷;
- fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni: dwar "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE" ta' Settembru 2017⁸ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2017, Novembru 2017, Marzu 2018 u Novembru 2018 dwar l-istrateġija politika industrijali tal-UE⁹;

¹ Dok. 11883/10.

² Dok. 14944/10.

³ Dok. 6875/14.

⁴ Dok. CDR 2645/2014.

⁵ Dok. 12150/14.

⁶ Dok. 15343/18.

⁷ Dok. 16535/14.

⁸ Dok. 12202/17.

⁹ Dok. 9760/17, 15223/17, 7037/18 u 14832/18.

- l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' Diċembru 2016¹⁰;
- l-Aġenda tal-2030 għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Ftehim ta' Pariġi tal-UNFCCC 10 fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima,

BIL-KONSIDERAZZJONI DOVUTA GĦALL-isferi rispettivi ta' kompetenza tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif ukoll il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

1. JENFASIZZA li t-turiżmu huwa wieħed mis-setturi ewlenin tal-ekonomija Ewropea, b'impatt dejjem aktar pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp reġjonali u l-impjiegi fl-Ewropa, u jammonta għal aktar minn 10 % tal-PDG tal-UE u kważi 12 % tal-forza tax-xogħol totali¹¹; JIRRIKONOXXI r-reżiljenza qawwija tas-settur tat-turiżmu li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-irkupru tal-UE mill-aħħar kriżi ekonomika;
2. JISSOTTOLINJA li l-Unjoni Ewropea hija d-destinazzjoni turistika numru wieħed tad-dinja, b'seħem tas-suq globali fl-2018 ta' aktar minn 40 %¹² u wasliet internazzjonali li jammontaw għal 562 miljun wara d-disa' sena konsekuttiva ta' tkabbir sostenibbli; JENFASIZZA li l-akbar suq għat-turiżmu fl-Ewropa jikkonsisti minn turiżmu intrareġjonali u interreġjonali¹³;
3. JENFASIZZA li, bħala parti minn strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, l-innovazzjoni transettorjali, inkluż fis-settur tat-turiżmu, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali u għall-koeżjoni soċjali fl-UE kollha, u li t-turiżmu huwa settur strateġiku ewlieni b'aktar potenzjal għat-tkabbir ekonomiku;

¹⁰ Dok. NAT-VI/009.

¹¹ Estimi bbażati fuq mudell ta' turiżmu dirett u kontribut indirett, Kunsill Dinji tal-Ivjaġġar u t-Turiżmu, 2018.

¹² UNWTO World Tourism Barometer - Jannar 2019.

¹³ European Union Tourism Trends - UNWTO, 2018.

4. JIRRIKONOXXI li t-turiżmu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-valuri Ewropej kondiviżi tagħna u JIRRIAFFERMA li t-turiżmu għandu jiġi żviluppata permezz ta' interazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti f'mod sostenibbli biex jiġi ppreservat il-wirt kulturali, industrijali u naturali tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri filwaqt li jiġu rrispettati l-komunitajiet lokali; JISSOTTOLINJA l-importanza tas-sinerġiji bejn it-turiżmu u l-kultura u l-kontribut tagħhom għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi;
5. JENFASIZZA l-importanza ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb, inkluż id-dimensjoni diġitali tiegħu, bħala element fundamentali tat-tkabbir tal-Unjoni li jipprovdi l-kondizzjonijiet qafas meħtieġa li huma essenzjali għat-turiżmu Ewropew għall-ħsad tal-benefiċċji tiegħu u jimmassimizzaw l-opportunitajiet tiegħu; JISSOTTOLINJA l-importanza tiegħu biex jiġu żgurati servizzi kompetittivi għall-iżvilupp ulterjuri tas-settur tat-turiżmu, speċjalment għall-impriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (SMEs); JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni tal-SMEs li jikkonstitwixxu l-maġġoranza kbira tal-impriżi fis-settur tat-turiżmu u JIRRIKONOXXI l-ħtiġijiet speċifiċi tagħha għal ambjent tan-negozju favorevoli u qafas legiſlattiv prevedibbli;
6. JENFASIZZA l-emerġenza ta' mudelli ġodda ta' negozju fis-settur tat-turiżmu u JISSOTTOLINJA f'dan il-kuntest li huwa importanti li n-negozji, il-konsumaturi u ċ-ċittadini jagħmlu użu mill-opportunitajiet offruti, filwaqt li jiġi indirizzat tħassib ġustifikat f'mod adatt; JENFASIZZA l-ħtieġa għal kondizzjonijiet tan-negozju favorevoli għas-servizzi tat-turiżmu u l-fornituri kollha tul il-katina tal-valur tat-turiżmu biex jinkiseb żvilupp tat-turiżmu bilanċjat u sostenibbli fis-Suq Uniku; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar ċarezza fir-rigward tar-regoli applikabbli għal mudelli ġodda ta' negozju, inkluż fir-rigward tas-servizzi tal-kiri tal-akkomodazzjoni fuq perijodu qasir fl-UE, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi l-eżitu tal-komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 2016 dwar "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva"¹⁴;

¹⁴ Dok. 9911/16.

7. JIRRIKONOXXI l-importanza kruċjali tal-iżvilupp ta' qafas u ta' infrastrutturi adatti biex titrawwem il-konnettività interna u esterna tal-UE; JENFASIZZA r-rwol tal-għarfien u ta' mudelli ta' investment intelliġenti fl-iffaċilitar tal-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati fis-settur tat-turiżmu; JENFASIZZ l-hteġa li d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni jiġu appoġġati b'mod adegwat sabiex tinkiseb offerta ta' turiżmu aktar kompetittiv u sostenibbli u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksibu data f'waqtha u ta' kwalità tajba biex tappoġġa proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti u effettivi u l-ġestjoni tat-turiżmu;
8. JIEĦU NOTA TAL-impatt pożittiv tal-programmi rilevanti tal-UE bħall-programm attwali COSME fuq is-settur tat-turiżmu u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-kontribut potenzjali pprovdut mill-programmi tal-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), mingħajr preġudizzju għan-negożjati li għaddejjin fuq il-QFP li jmiss;
9. JENFASIZZA l-benefiċċji tat-tfittxija u l-isfruttament ta' sinerġiji bejn it-turiżmu u setturi rilevanti oħra, bħall-industrija kulturali u dik kreattiva, is-snaġġa, l-ikel u x-xorb, it-trasport, il-konstruzzjoni, l-ippjanar spazjali u dak urban, l-ICT/teknoloġiji avvanzati, is-settur marittimu, l-agrikoltura, l-isport, ir-rikreazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-benessri;
10. JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tnaqqis tad-distakk bejn il-ħiliet u l-promozzjoni tal-antiċipazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa għal professjonisti tat-turiżmu fil-livelli kollha, inkluż fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għall-kompetittività, il-kwalità tal-impjiegi u l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera fis-settur tat-turiżmu;
11. JINNOTA li s-settur tat-turiżmu tal-UE qed jiffaċċa dejjem aktar kompetizzjoni globali minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari minn swieq tal-ivvjaġġar emerġenti b'rata ta' tkabbir oġhla, u JISSOTTOLINJA li l-Istati Membri għandhom għalhekk jużaw l-assi kulturali u naturali għanja u differenti tagħhom flimkien ma' servizzi tat-turiżmu sostenibbli, innovattivi u ta' kwalità għolja bħala l-vantaġġi kompetittivi prinċipali tal-UE u l-Istati Membri tagħha; Ikompli JIRRIKONOXXI li ser ikun meħtieġ investment intelliġenti u ekoloġiku effettiv mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-atturi privati fis-snin li ġejjin biex jissaħħu l-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli tas-settur tat-turiżmu kollu fl-UE;

12. JIRRIKONOXXI, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, li s-settur tat-turiżmu tal-UE qed jiffaċċa sfidi u opportunitajiet kondiviżi, li ser ikollhom impatt fuq l-iżvilupp tiegħu fis-snin li ġejjin, bħal:
- is-sostenibbiltà, inkluż l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-ekonomija ċirkolari, l-istaġjonalità u l-ġestjoni u d-distribuzzjoni ta' flussi dejjem akbar ta' turiżmu;
 - l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, inkluż mudelli ġodda ta' negozju;
 - il-ħiliet, kompetenzi u l-kwalità tal-impjiegi;
13. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jagħtu l-konsiderazzjoni dovuta lil dawn l-isfidi u l-opportunitajiet meta jiżviluppaw strateġiji ta' turiżmu nazzjonali, reġjonali u lokali u biex jippromwovu politiki u prattiki li huma favur turiżmu kompetittiv, sostenibbli, aċċessibbli u inklużiv li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet tal-klima tal-UE u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;
14. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom:
- a. ikomplu l-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-aħjar prassi fit-turiżmu, f'konformità mal-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari waqt li jkunu konxji tal-isfidi u l-opportunitajiet imsemmija fil-paragrafu 12 hawn fuq;
 - b. jinkoraġġixxu l-inklużjoni tat-turiżmu fi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, fejn din tibni fuq l-assi u l-kapital uman tar-reġjun, kif ukoll iħeġġu ekosistemi ta' innovazzjoni trasversali u sinerġiji bejn it-turiżmu u oqsma ta' politika oħra;
 - c. jappoġġaw networks u sħubiji bejn atturi privati u pubbliċi, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi u sħab soċjali, u fil-livelli differenti kollha tal-governanza, u jrawmu kooperazzjoni transkonfinali u interreġjonali biex iħeġġu żvilupp sostenibbli xprunat mit-turiżmu bbażat fuq ir-riżorsi kulturali u naturali tal-UE, inkluż dawk taż-żoni urbani, rurali u insulari;

- d. jinkoraġġixxu djalogu u skambju tal-aħjar prassi mifruxin fl-Ewropa kollha bejn l-Istati Membri biex jiġu żviluppati approċċi innovattivi, inkluż fit-turiżmu intelliġenti, għall-ġestjoni bbilanċjata ta' flussi ta' turiżmu li qed jiżdied lejn destinazzjonijiet Ewropej u biex irawmu t-transizzjoni ta' turiżmu Ewropew minn mudell iffukat fuq it-tkabbir kwantitattiv għal approċċ ibbażat fuq il-kwalità li jwassal għal żvilupp sostenibbli u impjiegi ta' kwalità;
- e. jimpenjaw ruħhom fit-tisħiħ tal-immaġni ta' Ewropa bħala destinazzjoni turistica ta' eċċellenza, notevolment fir-rigward tal-aċċessibbiltà, l-inklużività, il-kwalità tas-servizzi tagħha u l-aspett uniku tar-reġjuni tagħha, inkluż bil-promozzjoni ta' mudelli ta' turiżmu sostenibbli għal destinazzjonijiet attraenti, żoni protetti u bħala mod kif tiġi miġġielda d-depopolazzjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jistgħu jibbenefikaw minn tali inizjattivi;
- f. isegwu politiki u azzjonijiet li jiżguraw konnettività ta' trasport sostenibbli, mingħajr interruzzjonijiet u intermodali lejn u bejn destinazzjonijiet turistiċi;
- g. jibnu fuq il-ħidma strateġika dwar l-iżvilupp ta' ħiliet settorjali skont il-Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet ¹⁵fit-turiżmu¹⁶ bil-għan, fost l-oħrajn, li jħeġġu l-iżvilupp ta' edukazzjoni u ħiliet fis-settur tat-turiżmu, inkluż ħiliet diġitali, u l-iskambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri;
- h. jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-settur tat-turiżmu u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari SMEs, biex jieħu l-opportunitajiet offruti mill-ekonomija diġitali;
- i. jiżguraw li inizjattivi ġodda fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istat Membru li jaffettwaw is-settur tat-turiżmu jipprovdu valur miżjud, billi jistabbilixxu ambjent favorevoli għall-kompetittività fis-settur tat-turiżmu tal-UE, waqt li jevitaw piż addizzjonali sproporzjonat u mhux ġustifikat fuq in-negozji, speċjalment fuq l-SMEs;

¹⁵ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1415&langId=mt>

¹⁶ <https://nexttourismgeneration.eu/>

- j. jiżguraw l-informazzjoni f'waqtha dwar leġislazzjoni attwali tal-UE li tolqot it-turiżmu u jrawmu djalogu mifruq mal-Ewropa bejn l-esperti tat-turiżmu;
- k. iqisu l-possibbiltà li tiġi mnedija Sena Ewropea tat-Turiżmu Sostenibbli, li tista' tgħin fil-promozzjoni tad-diversità tat-turiżmu Ewropew u jgħollu l-profil ta' destinazzjonijiet turistiċi inqas magħrufa;

15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:

- tagħmel analiżi fil-fond tal-iżviluppi reċenti u x-xejriet futuri u l-effetti tagħhom fuq is-settur tat-turiżmu, b'mod partikolari waqt li jittieħed kont tal-isfidi u l-opportunitajiet imsemmijin fil-paragrafu 12 hawn fuq;
- fid-dawl ta' din l-analiżi, waqt li bħala referenza tittieħed il-komunikazzjoni tal-2010 u kwalunkwe segwitu, u bil-parteeipazzjoni attiva u l-kontribut tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, issegwi l-aktar politika rilevanti dwar it-turiżmu b'viżjoni għall-2030 u bil-ħsieb li tinżamm il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja dinjija f'dan is-settur;

16. JINKORAĠĠIXXI lis-settur tat-turiżmu biex jipparteċipa b'mod attiv u jikkontribwixxi għal dawn il-miżuri;

17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Kunsill regolarment informat bir-riżultati ta' dawn l-azzjonijiet u l-inizjattivi.
